MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**

**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2014

Appell Civili Numru. 340/2004/2

**Mary Muscat**

**v.**

**Dr. Renzo Porsella Flores u l-PL Luisa Tufigno gew nominati b'digriet tal-14 ta' Gunju, 2004 bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw l-imsiefra Emanuela sive Lily Bonnici, u b'digriet tas-16 ta' Awwissu 2004 assumiet l-atti tal-kawza l-istess Emanuela sive Lily Bonnici minflok il-kuraturi deputati.**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

1. Dan hu appell interpost mill-konvenuta minn sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-24 ta' Frar 2011 li permezz taghha dik il-Qorti, filwaqt li cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, laqghet it-talbiet attrici u ddikjarat li l-pjanta li hemm referenza ghaliha fil-kuntratt datat 14 ta' Gunju 1989 fl-atti Nutar Paul Pullicino tinsab effettivament annessa ma' kuntratt iehor datat 15 ta' Gunju 1987 u mhux mal-kuntratt datat 15 ta' Gunju 1980 kif erroneament indikat fl-imsemmi kuntratt tas-sena 1989; inoltre ddikjarat li l-legat imholli minn Rose Grima lill-attrici, permezz tat-testment datat 6 ta' Frar 1966 fl-atti tan-Nutar Anthony Abela, tal-plot numru hamsin [50] tal-art imsejjha is-Sellum, il-Mellieha huwa fil-fatt tal-plot numru hamsin bl-ittra A [50A] tal-istess art denominata is-Sellum, il-Mellieha; ordnat lill-konvenuta taddivjeni ghall-att ta' ratifika tal-att korrettorju datat 11 ta' Dicembru 2003 fl-atti tal-imsemmi Nutar Paul Pullicino, li permezz tieghu, kemm l-awtur ta' Rose Grima kif ukoll l-eredi l-ohra kollha ta' Rose Grima, hlief ghall-konvenuta rrikonoxxew l-indikazzjoni erronea imsemmija fl-ewwel talba u rratifikaw l-istess; u ffissat d-data, hin u lok fejn ghandu jigi ppubblikat l-att korrettorju relattiv mill-imsemmi nutar, filwaqt li nnominat kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci; bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

2. Fir-rikors estenisiv tal-appell taghha l-konvenuta, ghar-ragunijiet hemm indikati, qed titlob li sabiex din il-Qorti thassar s-sentenza fuq indikata in kwantu laqghet it-talbiet attrici u cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, u, minflok, tilqa’ l-aggravji u l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, filwaqt li tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attrici.

3. Fir-risposta konciza izda komprensiva taghha, l-attrici qed titlob li, ghar-ragunijiet hemm indikati, tichad l-appell tal-konvenuta u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuta.

**<u>Il-Meritu</u>**

4. Fl-ewwel lok huwa opportun li jinghata profil tal-fatti li taw lok ghall-proceduri odjerni. Huma pacifikament akkolti mill-partijiet s-segwenti fatti.

5. B’kuntratt datat 14 ta’ Gunju 1989 in atti Nutar Paul Pullicino, Rose Grima, oht il-kontendenti, kienet xtrat minghand Salvatore Cutajar u Louis Attard plot indikata fuq il-kuntratt bin-numru 50A formanti parti mit-territorju maghruf “Is-Sellum,” fil-Mellieha. F’dan il-kuntratt minflok ma giet esebita l-pjanta tal-art trasferita, saret referenza ghall-pjanta annessa mal-kuntratt datat 15 ta’ Gunju 1980 fl-atti tal-istess Nutar.

6. Irrizulta li r-referenza ghall-kuntratt tal-15 ta’ Gunju 1980 kienet zbaljata, u minflok, ir-referenza kellha tkun ghall-pjanta annessa mal-kuntratt tal-15 ta’ Gunju 1987 fl-atti tal-istess nutar, li fiha tridher il-plot 50A.

7. L-imsemmija Rose Grima mietet fl-20 ta’ Marzu 1996, u rrizulta li din kienet iddisponiet mill-wirt taghha permezz ta’ tlett testmenti: wiehed datat 20 ta’ Settembru 1991, l-iehor 30 ta’ Jannar 1996 u l-ahhar wiehed 6 ta’ Frar 1996.

12. Fit-testment tas-6 ta’ Frar 1996 Rose Grima [it-testatrici] halliet, *inter alia*, lil ohta Mary Muscat, l-attrici, bicca art indikata bhala plot numru 50. L-attrici tikkontendi li dan kien zball genwin da parti tat-testatrici fit-testment taghha u li effettivament l-art li l-attrici riedet thallilha hija l-plot numru 50A fuq indikata.

13. Irrizulta wkoll li l-imsemmija plot numru 50, ma kienitx proprjeta` tal-attrici izda ta’ certu Domenic Borg li min-naha tieghu kien xtraha minghand l-imsemmi Salvatore Cutajar u Louis Attard permezz ta’ kuntratt datat 23 ta’ Jannar 1981 in atti Nutar Pullicino.

14. Wara l-mewt tat-testatrici, l-eredi u l-benficjari kollha, salv ghall-konvenuta, flimkien mal-imsemmija Salvatore Cutajar u Louis Attard [l-awturi tat-testatrici], ghamlu att korrettorju, referibbilment ghall-kuntratt 14 ta’ Gunju

1989, liema att sar fil-11 ta' Dicembru 2003. F'dan l-att korrettorju taghhom il-partijiet iddikjaraw li fil-kuntratt tas-sena 1989 kien hemm zball fis-sens li r-referenza ghall-pjanta kellha tkun ghall-kuntratt datat 15 ta' Gunju 1987, u mhux ghall-kuntratt datat 15 ta' Gunju 1980. Fl-istess att gie dikjarat ukoll li l-oggett tal-legat imholli lill-attrici deskritt bhala plot numru 50 kien gie erroneament indikat fit-testment tas-6 ta' Frar 1996, u li fil-fatt l-oggett tal-legat kellu jigi deskritt bhala plot bin-numru 50A.

15. Ghalhekk fis-sustanza l-kontestazzjoni meritu tal-proceduri odjerni tirriduci ruhha ghad-deteriminazzjoni tal-punt jekk il-mankanza tal-ittra A wara l-figura 50 fit-testment fuq imsemmi kienitx volontarja da parti tat-testatrici jew kienitx rizultat ta' effett ta'zball genwin da parti tal-istess testatrici. Fl-ewwel ipotezi l-legat ghandu jigi kkonsidrat null a tenur tal-Artikolu 696 tal-Kodicii Civili, u l-plot 50A allura tinqasam ugwalment bejn eredi universali inkluza l-attrici, filwaqt li fit-tieni ipotezi, hemm lok li ssir il-korrezzjoni ordnata mill-ewwel Qorti.

**<u>Is-Sentenza Appellata</u>**

16. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Illi din hija kawza fejn l-attrici qed tghid li fit-testment datat 6 ta' Frar 1996, Rose Grima kienet halliet lilha bhala legat il-*plot* li kellha li kienet xtrat permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Paul Pullicino datat 14 ta' Gunju 1989 fil-kontrada "Tas Sellum" Mellieha, u liema *plot* giet indikata erronjament fl-istess testament bhala *plot* numru 50, mentri fil-fatt tali *plot* kellha tkun din numru 50

A, kif indikata fil-kuntratt tal-akkwist imsemmi, li b'riferenza ghall-istess *plot* jaghmel riferenza ghall-pjanta annessa ma' kuntratt iehor datat 15 ta' Gunju 1980, mentri l-kuntratt kellu jkun dak datat 15 ta' Gunju 1987.

"Illi l-istess attrici tghid li l-istess Rose Grima kellha biss l-imsemmija *plot* 50 A, u qatt ma kellha l-*plot* 50, u ghalhekk huwa ovvju li l-legat imholli lilha huwa dak ta' *plot* 50 A, u in effetti in konformita' ma' dan, l-awtur ta' Rose Grima, Salvatore Cutajar, u l-eredi ta' l-istess Rose Grima li mietet fl-20 ta' Marzu 1996, hlief ghall-konvenuta, permezz ta' att korrettorju fl-atti tan-Nutar Dr. Paul Pullicino datat 11 ta' Dicembru 2003 (Dok. "E") ikkorregew il-kuntratt fuq imsemmi tal-14 ta' Gunju 1898 fis-sens li l-pjanta li kellu jsir riferenza ghaliha fl-istess kuntratt ghal dak li hija *plot* 50A kienet dik fl-atti tal-istess Nutar Dr. Paul Pulliicino datata 15 ta' Gunju 1987 u mhux 15 ta' Gunju 1980, u gie ukoll dikjarat li l-legat imholli fit-testment redatt minn Nutar Anthony Abela datat 6 ta' Frar 1996 kellu jirreferi ghall-*plot* numru 50 A u mhux kif erronjament sar ghall-*plot* numru 50, izda l-konvenuta baqghet l-unika eredi li ma ghamlitx dan u ghalhekk saret din il-kawza sabiex il-konvenuta taddivjeni ghall-att korrettorju opportun.

"Illi l-konvenuta ma accettatx dan u ecceppiet li ma kien hemm zball xejn izda l-*plot* imhollija lill-attrici mid-*decujus* kienet il-*plot* numru 50 u mhux il-*plot* numru 50 A u allura tali *plot* 50A tappartjeni lill-eredi u hija allura bhala wahda mill-eredi ghandha parti minn sitta mill-istess *plot*; sostniet li ma hemmx lok ta' interpretazzjoni tal-legat ghaliex il-kliem tal-legat huwa car, u allura dan ghandu jigi interpretat ad litteram ghaliex dak li japplika ghall-interpretazzjoni f'testment hija l-'*voluntas testamenti'* u mhux il-'*voluntas testatoris'.* Ghalhekk sostniet li t-talbiet atrici ghandhom jigu michuda.

"Illi huwa sinifikanti li skont it-tieni artikolu tat-testment datat 6 ta' Frar 1996 jinghad li t-testatrici ghandha erba' bicciet art fil-kontrada tas-Sellum il-Mellieha, u halliet bhala prelegat lill-attrici l-*plot* numru 50, mentri lil Victoria Sturcke hallitilha l-*plot*s "A" u "B", u l-*plot* "C" thalliet lil Lily Bonnici (Dok. "D" – fol. 11).

"Illi jinghad li jinsab ikkonfermat minn Nutar Dr. Paul Pullicino li l-pjanta b'riferenza ghall-*plot* 50A li giet akkwistata minn Rose Grima bil-kuntratt datat 14 ta' Gunju 1989 (Dok. "A"), kienet indikata erronjament bhala dik "annessa mal-kuntratt tal-15 ta' Gunju 1980", mentri fil-fatt kellha tkun dik "annessa mal-kuntratt tal-15 ta' Gunju 1987" u dan jinsab ikkonfermat mix-xhieda tal-istess Nutar datata 6 ta' April 2005 (fol. 84 *et sequitur* tal-process). Illi fis-seduta tas-6 ta' Dicembru 2005 l-istess Nutar ikkonferma li l-*plot* li inbieghet lill-istess Rose Grima kienet dik indikata bhala *plot* 50A u fil-fatt ikkonferma l-provenjenza tal-istes *plot* kif jinsab indikat fl-istess xhieda u fid-Dok. "PP" a fol. 124 tal-process.

"Illi ma dan jizdied li l-venditur Salvu Cutajar ikkonferma fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2007 li huwa u Louis Attard kienu bieghu lil Rose Grima l-*plot* 50 A f'tas-Sellum, Mellieha u kien ghalhekk li saret minnu l-korrezzjoni indikata. Ma hemm ebda prova, u lanqas ittentat tingieb li fil-verita' Rose Grima kienet akkwistat xi *plot* ohra bl-istess kuntratt imsemmi, u fil-verita' in vista tax-xhieda prodotta u dak indikat fl-istess kuntratt huwa difficli hafna li l-Qorti tikkoncepi kif tali prova setghet tingieb meta din ma tezistix. Kull ma jidher li sar kien biss li saret

riferenza zbaljata ghall-pjanta annessa mal-kuntratt tal-15 ta' Gunju 1980, meta kellha ssir riferenza ghall-pjanta annessa mal-kuntratt tal-15 ta' Gunju 1989, u dak li kellu fil-fatt jigi kkoregut.

"Illi ghalhekk kellha ssir il-korrezzjoni fil-kuntratt datat 14 ta' Gunju 1989 kif qalet l-istess perit legali, anke in vista ta' dak li inghad fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet **"AIC Edwin Calleja vs Gaetano Sammut"** (A.C. – 15 ta' Marzu 1885) fejn inghad li :-

*"Pjanta ma hiex biss accessorju ghal kuntratt; effettivament hija parti integrali mill-kuntratt. Trattandosi ta' kuntratt ta' divizjoni l-istat ta' fatt mahluq bl-istess kuntratt, inkluz id-deskrizzjoni permezz tal-pjanta, huwa importantissimu billi mhux biss jivvinkola lill-kondividendi izda huwa l-espressjoni tal-volonta` taghhom ghal dik li hija demarkazzjoni."*

"Illi din il-korrezzjoni in parte saret bl-att korrettorju datat 11 ta' Dicembru 2003 fl-atti tan-Nutar Dr. Paul Pullicino, inkluz bl-*avendi causa* kollha ta' Rose Grima; l-unika persuna li ma ghamlitx il-korrezzjoni hija proprju l-konvenuta, u ghalhekk saret din il-kawza.

"Illi dwar it-testment datat 6 ta' Frar 1996 gja gie imsemmi li r-referenza ghall-legat verso l-attrici mit-testatrici sar b'riferenza ghall-*plot* 50, izda ma hemm l-ebda dubju li tali *plot* qatt ma kienet tat-testatrici, u fil-fatt fl-istess testament l-imsemmija testatrici tghid li hija kellha erba' *plot*s fl-istess inhawi, tlieta minnhom indikati b'ittri u din li giet indikata bin-numru 50; in vista tal-fatt li t-testatrici tghid hija stess li kellha biss erba` bicciet art fl-istess kuntrada, u wkoll li hija qatt ma kellha l-*plot* numru 50, izda jirrizulta li hija akkwistat il-*plot* 50A bil-kuntratt datat 14 ta' Gunju 1989, din il-Qorti thoss li ma hemm ebda dubju li l-*plot* li thalliet lill-attrici kienet proprju l-*plot* 50 A u din kienet l-intenzjoni ovvja tat-testatrici; ma setax ikun mod iehor ghaliex il-*plot* 50 qatt ma kienet tat-testatrici, tant li jirrizulta li b'kuntratt tal-istess Nutar Dr. Paul Pullicino datat 23 ta' Jannar 1981 (Dok. "BC 2"), tali *plot* kienet giet mibjugha lil Dominic Borg mill-istess vendituri Salvu Cutajar u Louis Attard, l-*avendi causa* tat-testatrici fl-akkwist tal-*plot* 50A.

"Illi din fil-fatt hija t-tezi attrici, izda l-konvenuta tghid mod iehor tant li ssostni li t-testatrici indikat apposta l-*plot* bhala bin-numru 50 sabiex ma thalliex lill-attrici l-*plot* numru 50A, u b'hekk tinki lill-istess attrici; b'hekk hija qed tghid li t-testatrici ghamlet dan l-izball apposta sabiex tali legat jigi rez invalidu u l-*plot* jinqasam bejn il-werrieta kollha.

"Illi fl-ewwel lok huwa necessarju li ssir riferenza ghal dak li jiddisponi l-**artikolu 694 tal-Kap. 16** fis-sens li:-

> *"(1) Jekk il-persuna tal-werriet jew tal-legatarju hija indikata hazin, id-disposizzjoni ghandha effett, kemm-il darba wiehed ikun xort'ohra zgur liema persuna t-testatur ried jahtar.*
>
> *(2) Din ir-regola tghodd ukoll fil-kaz li jkun hemm zball fit-tismija jew fit-tifsir tal-haga mhollija b'legat, meta wiehed ikun xort'ohra zgur liema haga t-testatur ried ihalli."*

"Illi ghalhekk, meta jkun hemm zball f'deskrizzjoni ta' legat, dan ghandu jibqa' validu jekk tkun tista' tigi accertata xorta ohra l-volonta` tal-persuna illi tkun ghamlet it-testment. Fl-istess spirtu, il-Qrati taghna dejjem jiffavorixxu l-kontenut u l-validita` tat-testmenti sakemm dan ikun possibli ghaliex il-kontenut tat-testment jirrifletti l-volonta` tat-testatur u ghandu, safejn possibli, jigi rispettat.

"Illi fil-kaz in ezami, jekk wiehed isegwi *ad litteram* dak illi gie mnizzel mit-testatrici fit-testment tas-6 ta' Frar 1996, it-testatrici halliet bi prelegat il-*plot* 50 lil ohtha Mary Muscat liema *plot* ma kienx proprjeta` tat-testatrici (peress li b'kuntratt datat 20 ta' Jannar 1981 Salvatore Cutajar u Joseph Attard bieghu tali *plot* lill Domenic Borg – Dok. "BC2"). Ghalhekk mad-daqqa t'ghajn jidher li t-testatrici ddisponiet minn proprjeta` illi ma kienitx taghha la fil-mument meta ghamlet it-testment u lanqas fiz-zmien tal-mewt taghha, u ghalhekk illi l-konvenuta qieghda tinsisti illi dan il-prelegat huwa null skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 700 (1)** tal-**Kodici Civili**.

"Illi huwa proprju dan li l-Qorti thoss li qed tinsisti dwaru l-konvenuta fit-tielet, ir-raba' u l-hames eccezzjonijiet minnha sollevati, ossia illi l-prelegat imholli lill-attrici huwa car u m'hemmx bzonn ta' interpretazzjoni tal-*voluntas testamenti* illi hija cara f'dan il-kaz, b'mod illi ma tista' ssir ebda referenza ghall-*voluntas testatoris* anke skont kif stabbilit sa mid-dritt Ruman f'materja ta' interpretazzjoni testamentarja.

"Illi f'dan ir-rigward, issir hawnhekk referenza ghal dak illi rritenew il-Qrati taghna dwar l-interpretazzjoni ta' interpretazzjoni testamentarja, ossia illi fl-interpretazzjoni ta' testment ghandu jittiehed rigward pjuttost ghall-volonta` tat-testatur milli ghall-kliem uzat fit-testament. Hekk fil-kawza fl-ismijiet **Negozjant Giuseppe di Ruggera Wismayer vs Giovanni Wismayer et"** (A.C. – 17 ta' Jannar 1936 – Vol. XXIX.i.394) gie ritenut illi:-

> *"Huwa principju assolut kif imfisser mir-Ricci u fuq l-awtorita` ta' bosta sentenzi illi "cio` che interessa di stabilire e` quale sia stata l'intenzione del testatore, ed in questa indagine il magistrato, anziche attinersi strettamente alle parole usate dal disponente, puo` risalire al pensiero che ha dominato la sua disposizione."* (Ara wkoll **"Teresa Vella vs Maria Assunta Vella et"** – P.A. – 24 ta' Novembru 1954 – Vol. XXXVIII.ii.599).

"Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Margherita Borg vs Giovanna Bonello et"** (P.A. 28 ta' April 1928 – Vol. XXVII.ii.58) insibu illi: -

> *"i testmenti si debbono interpretare non secondo il senso letterale delle parole ma secondo il loro intrinsico contesto."*
>
> "Illi mhux hekk biss izda l-Qrati taghna rritenew illi mhux talli wiehed ma jistax jistrieh biss fuq il-kliem illi uza t-testatur, talli jehtieg illi ssir ricerka serja u akkurata tal-volonta` vera tat-testatur:-
>
> *"trattandosi di un atto di ultima volonta` l'attenzione viene sempre richiamata a due indagini, cioe` quanto al potere legittimo del disponente, e alla sua*

> *volonta`, onde non contrasta la prima, la questione si riduce e si concentra alla sua volonta` dominante dei disponenti, conseguemente una severa ed accurata ricerca, a poter concludere che cosa i disponenti abbiano inteso e voluto.”* (**“Marianna Mallia et vs Il-Sindaco Dr. Giuseppe Falzon”** –P.A. – 29 ta’ April 1984 – Vol. X. 457).

“Illi din il-Qorti, bhal perit legali ma tistax taccetta din il-verzjoni tal-konvenuta u dan ghaliex hija gurisprudenza kostanti li ttendi favur il-validita’ tal-kontenut tat-testmenti u wkoll li ghal dik li hija interpretazzjoni tal-istess, f’materja ta’ successjoni universali jew partikolari, hija l-volonta` tat-testatur li ghandha tipprevali u tiddetermina l-interpretazzjoni tal-istess testmenti *‘mens testatoris’* (**“Mary Rose Mifsud vs Dr. Joseph Bartolo”** – P.A. (RCP) - 27 ta’ Frar 2001), liema sentenza giet ikkonfermata mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fejn inghad li:-

> *“Il-volonta` tat-testatur hija dik li tirrizulta mill-att innifsu u b’rispett lejn dan il-principju kemm l-awturi kif ukoll l-gurisprudenza dejjem irritenew li mhux legittimu li tinghata interpretazzjoni ta’ dak li xtaq it-testatur billi tali interpretazzjoni tista’ tghawweg dak li fil-verita` ried it-testatur u b’hekk tmur kontra dik il-volonta` proprja hekk kif tirrizulta mill-qari tad-disposizzjoni testamentarja. Jekk id-disposizzjoni testamentarja hija cara, ghandha tinghata effett”.*

“Illi tenut kont ta’ dan kollu wiehed lanqas jista’ jinjora l-fatt li l-**Kodici Civili** stess fl-**artikolu 694(1)** jipprevedi sitwazzjoni fejn legat jigi indikat erronjament, u kwindi f’dan il-kaz ma jistax jinghad illi l-fatt illi d-dispozizzjoni testamentarja tkun cara ghandu josta ghal interpretazzjoni illi tirrifletti l-volonta` tat-testatur. Fil-fatt, kuntrarjament ghal dak illi ssostni l-konvenuta, l-Qorti tikkonkludi illi l-indikazzjoni ta’ *plot* 50 flok *plot* 50A mit-testatrici f’dan il-kaz, kienet ikkawzata minn zball u ma hijiex legat ta’ hwejjeg haddiehor. Dan ghaliex meta wiehed ihares lejn it-testment fil-kuntest tieghu u lejn id-disposizzjonijiet kollha illi saru fl-istess testment u fit-testmenti l-ohra ta’ Rosina Grima, wiehed jiehu stampa iktar cara tal-volonta` tat-testatrici u jifhem illi t-testatrici kienet qieghda thalli l-gid taghha kollu, permezz ta’ legati varji, b’mod ugwali bejn hutha, b’mod sistematiku u minghajr diskrepanzi – halliet biss il-flus in eredita` bejn il-werrieta kollha f’ishma ugwali – mill-bqija ddisponiet minn kollox espressament u individwalment hija stess. Dan ir-ragunament ibbazat fuq il-kontenut shih tat-testment u mhux sempliciment fuq iffokar mikroskopiku u ffissat fuq id-dispossizjoni in ezami, huwa ndikat mill-gurisprudenza sabiex wiehed jirrizolvi sitwazzjonijiet simili ghall-kontenzjoni odjerna. Hekk kif inghad fil-kawza fl-ismijiet **“Connie Galea noe vs Joseph Gauci”** (A.C. – 31 ta’ Mejju 2002):-

> *“Is-sens ta’ disposizzjoni wahda m’ghandux ikun izolat mill-bqija tad-disposizzjonijiet l-ohrajn. L-intenzjoni tat-testatur ghandha tingibed mid-disposizzjonijiet ta’ l-istess testment.”*

“Illi applikat dan it-taghlim ghall-kaz in ezami, jidher illi l-fatt illi t-testatrici indikat il-*plot* 50 flok il-*plot* 50A kien kawza ta’ zball, u mhux ta’ azzjoni intenzjonata u malizzjuza tat-testatrici sabiex taghmel dispozizzjoni legatarja nulla. Kull prova illi tressqet mill-konvenuta sabiex issostni illi t-testatrici semmiet il-*plot* 50 bhala prelegat lill-attrici Mary Muscat sabiex il-*plot* 50A jinqasam bejn l-erba’ ahwa,

ma tistax tinghata fundament jew kredibilita’ ghaliex hija kontradetta mic-cirkostanzi kollha tal-kaz u mid-disposizzjonijiet testamentarji nfushom, u bbazata minflok, sempliciment fuq kongetturi tal-konvenuta dwar l-allegat ragunament konvolt u malizzjuz tat-testatrici fil-mument meta kienet qieghda taghmel it-testment taghha tas-6 ta’ Frar 1996 ghand in-Nutar Anthony Abela. L-irrilevanza ta’ tali kongetturi (ghaliex iktar minn hekk ma humiex) tirrizulta wkoll mil-insenjament fil-gurisprudenza nostrali nkluz fis-sentenza **“Mary Rose Mifsud vs Dr Joseph Bartolo noe”** (A. C. – 16 ta’ April 2004) fejn inghad illi:-

> *“meta l-Qorti tigi adita biex taghti effett lil xi disposizzjoni testamentarja, il-gudikant irid ta’ bil-fors jillimita l-ezami tieghu ghall-kitba li jkun hemm fit-testment u ma ghandux jiehu in konsiderazzjoni fatturi estranei, anke jekk dawn ikunu jikkonsistu fix-xhieda tan-Nutar li ppublika l-att, billi dawn qatt ma jistghu jmorru kontra dak li jidher mill-att innifsu.”*

“Illi fit-tielet eccezzjoni taghha, il-konvenuta taghmel espressa referenza ghal dak illi jipprovdi l-**Artikolu 692** tal-**Kodici Civili** illi jipprovdi testwalment illi : -

> *“Ebda prova ma tista’ ssir biex turi li l-istituzzjoni jew il-legat, maghmula favur ta’ persuna… m’humiex hekk hlief fid-dehra, u li fil-fatt dik l-istituzzjoni jew dak il-legat huma maghmula favur ta’ persuna jew korp morali jew opra mhux imsemmija fit-testment…”*

“Illi izda kif qalet sew il-Perit Legali ironikament bit-tezi taghha kif soffermata mix-xhieda minnha moghtija f’dawn il-proceduri, huwa proprju dan illi tippretendi l-konvenuta. Cjoe’ li l-legat illi gie dispost favur l-attrici effettivament ma kienx legat, izda dispozizzjoni favur terzi indikati mill-konvenuta nnifisha (ossia l-eredi ta’ Rosina Grima).

“Illi barra minn hekk, kif diga` intqal, it-tezi proposta mill-konvenuta hija, fi kwalunkwe kaz, improbabbli ghall-ahhar, u kwistjonijiet civili jridu jigu rizolti fuq bazi ta’ probabilita` - b’hekk illi t-tezi attrici illi hawnhekk si trattava ta’ zball genwin hija ferm aktar probabbli, u ghandha tigi milqugha sakemm ma hemm x’josta legalment. Qed issir riferenza ghall-**artikolu 694 (2) tal-Kodici Civili**, imsemmi mill-perit legali fir-relazzjoni taghha (f’pagna 33) li jippermetti li l-legat jibqa’ validu anke fejn issir indikazzjoni skorretta ta’ l-oggett imholli, jekk l-istess oggett jista’ jigi identifikat minn fatturi ohra – kif inhuwa l-kaz in ezami. Dan huwa wkoll konformi mar-regoli generali dwar l-interpretazzjoni tal-kuntratti (**artikolu 1004)** u mat-taghlim illi l-validita` tad-disposizzjoni testamentarja ghandha dejjem tigi favorita. Hekk ukoll, din il-linja mehuda mill-Qorti favur it-tezi attrici f’dan il-kaz hija konformi mal-gurisprudenza stabbilita fil-kawza fl-ismijiet **“Rose Alden pro et noe et vs Raphel Pace”** (P.A. – 27 ta’ Gunju 2003) fejn inghad li:-

> *“Meta l-legat ghandux jigi ammess jew eskluz l-interpretazzjoni ghandha tkun favur il-legatarju, izda meta tkun dwar l-estensjoni jew kwantita` tal-legat, l-interpretazzjoni ghandha tkun favur l-eredi.”*

“Illi ghalhekk in vista ta’ dak hawn deciz jirrizulta:-

"a. Illi l-analizi maghmula mill-konvenuta taht sembjanza ta' provi effettivament tikkostitwixxi kongettura;

"b. Illi t-tezi tal-konvenuta hija improbabbli u ghalhekk ghandha tigi skartata skont il-principji generali f'materja civili;

"c. Illi fi kwalunkwe kaz mhux permessibbli illi ssir referenza ghal provi estranei illi jmorru kontra d-dispozizzjoni tat-testment innifsu;

"d. Illi f'dan il-kaz, kjarament, mid-dispozizzjonijiet testamentarji nfushom, jirrizulta illi hawnhekk non si tratta ta' legat ta' hwejjeg haddiehor illi huwa kwindi minghajr effett kif tippretendi l-konvenuta, izda legat b'indikazzjoni zbaljata, liema indikazzjoni ghandha tigi korretta, u tista' tigi korretta, stante illi xejn ma josta legalment illi dan isir. B'hekk tigi favorita l-validita` tad-dispozizzjoni testamentarja;

"e. Illi ghaldaqstant f'dan il-kaz, wiehed ghandu jimxi ma' dak illi jiddisponi l-**artikolu 694 (2) tal-Kodici Civili** ossia illi f'kaz fejn ikun hemm indikazjoni zbaljata fit-tismija jew fit-tifsir tal-haga mhollija b'legat, izda tista' tigi zgurata xort'ohra, tali dispossizjoni ghandha tibqa' valida u effettiva specjalment f'dan il-kaz meta jidher li dak li sar kien minhabba zball, u anzi jirrizulta "zgur liema haga t-testatur ried ihalli"

"Illi hawn il-Qorti taghmel referenza ghall dak li nghad mill-konvenuta fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha jidher li qed jinsistu fuq li ssir interpretazzjoni letterali ta' dak li hemm fit-testment u dan dejjem qed issir b'riferenza ghall dak li l-Qorti thoss li kien zball meta fil-legat imsemmi n-numru tal-*plot* gie indikat bhala 50 minflok 50A, u dan ghaliex t-testatrici qatt ma kellha *plot* 50, izda l-unika *plot* li kellha bin-numru hija dik numru 50A, kif hawn gie sottolineat. Jekk wiehed isegwi t-tezi tal-konvenuta, ikun ifisser li tali diposizzjoni testamentarja tkun nulla u bla effett.

"Illi huwa hawn fejn din il-Qorti ma tistax taccetta t-tezi tal-konvenuta, ghaliex fis-sentenzi hawn citati jidher car li l-Qorti kienet qed interpreta disposizzjoni varji ta' testmenti, meta l-kwalsola tibqa' valida, u kienet qed jigi mfittex is-sinifikat tal-istess, biex il-Qorti tara x'kienet l-intenzjoni tat-testatur jekk ihallix oggett jew iehor jew sabiex jigi determinat l-estenzjoni tal-oggett imholli mit-testatur – f'dawn il-kazi hija gusta l-affermazzjoni li l-*"volonta` tat-testatur hija dik li tirrizulta mill-atti innifsu u b'rispett lejn dan il-principju kemm l-awturi kif ukoll l-gurisprudenza dejjem irritenew li mhux legittimu li tinghata interpretazzjoni ta' dak li xtaq it-testatur billi talli interpretazzjoni tista' tghawweg dak li fil-verita' ried it-testatur u b'hekk tmur kontra l-volonta` proprja hekk kif tirrizulta mill-qari tad-disposizzjonijiet testamentarji. Jekk id-disposizzjoni testamentarja hija cara, ghandha tinghata effett",* hekk kif ritenut fis-sentenza tal-Onorabbli tal-Appell fil-kaz gja citat ta' **"Maryrose Mifsud vs l-Av. Dr. Joseph Bartolo"** (16 ta' April 2004). Izda f'dan il-kaz il-kwistjoni kienet ta' kemm halla flus bhala legat it-testatur u ghalhekk intiz sabiex jaghti effett lill-legat kif imholli; jekk tali principji. L-istess gara fis-sentenza fl-ismijiet **"Rose Alden et vs Raphael Pace"** (P.A. (PS) – 27 ta' Gunju 2003).

"Illi l-istess fis-sentenzi citati fin-nota ta' osservazjonijiet tal-konvenuta nkluza dik fl-ismijiet **"Emmanuel Buttiegieg nomine vs Anthony Cauchi proprio et nomine"** (A.C. – 28 ta' Novembru 2003) fejn sostniet li *"Trattandosi hawn ghalhekk, ta' materja ta' interpretazzjoni,…. Bhala modus operandi, il-perit gudizzjarju kien preciz u legalment korrett meta dan, wara li rrifera ghall-gurisprudenza lokali u d-dottrina legali in materja, stabilixxa, bhala bazi, il-kriterji sewgenti, jigifieri li:*

> "*i) Meta l-kliem fit-testment huwa car u ma jammettix dubbju ma hemmx lok ghal ebda interpretazzjoni u wiehed jista' jezamina jekk dak il-provediment mit-tifsira normali tieghu imurx kontra l-ligi jew le;*
>
> "*ii) Meta jirrizulta dubbju dwar is-sens tal-kliem allura hemm lok ghall-interpretazzjoni sabiex wiehed jasal ghall-intenzjoni tat-testatur;*
>
> "*iii) Fil-kaz ta' tali interpretazzjoni wiehed ghandu dejjem jassumi li l-intenzjoni tat-testatur hija konformi mal-ligi;*
>
> "*iv) Bhala norma wiehed ghandu jasal ghall-intenzjoni tat-testatur mill-kliem tat-testment innifsu u ma humiex ammissibbli provi ohra".*

"Illi f'dik is-sentenza kull ma kien qed issir kien biss li tigi ezaminata x'inhu l-vera sinifikat ta' disposizzjoni testamentarja u qatt ma kien in kwistjoni jekk tali disposizzjoni ghandhiex ikolla effett jew le. L-istess fis-sentenzi kollha l-ohra nkluz dik fl-ismijiet **"Connie Galea et vs Joseph Gauci et"** (A.C. – 31 ta' Mejju 2002) u decizjoni ohra aktar recenti fl-ismijiet **"Constantino Muscat vs Nazzareno sive Reno Abela"** (A.C. – 1 ta' Ottubru 2004). Jinghad li fl-istess sentenzi l-ezami dejjem sar xorta wahda sabiex tinghata effett lill volonta tat-testatur espresso fit-testment tieghu, bil-kuncett ikun li jekk il-kliem fih innifsu fl-istess disposizzjoni huwa car, u b'hekk id-disposizzjoni jista' jkollha effett, mela allura tali interpretazzjoni litterali ghandha sservi; f'kaz ta' dubju dwar dak li kien hemm miktub mbaghad il-Qorti thares lejn mezzi ta' interpretazzjoni sabiex tara l-vera sinifikat tal-istess disposizzjoni dejjem bl-ghan sabiex taghti effett lill dak li t-testatur ikun ppropona fit-testment tieghu.

"Illi dan ifisser li qatt ma kien il-kaz, lanqas fis-sentenzi citati mill-konvenuta, li l-Qorti tezamina d-disposizzjoni sabiex ma taghtix effett ghall-istess, bhal mal-konvenuta qed tistieden il-Qorti biex taghmel f'din il-kawza, ghaliex it-tezi konvenuta hija li t-testatrici apposta tat numru hazin tal-*plot* li kellha sabiex id-disposizzjoni minnha maghmula tkun nulla u b'hekk tinki lill-attrici – billi fl-istess disposizzjoni tkun halliet legat ta' *plot*s ohra lil-legatarji ohra, liema legati huma validi, u tal-attrici tkun nulla, u b'hekk tinki (jew ahjar taghmel azzjoni hazina lill-attrici). Dan huwa x-xenarju li l-konvenuta qeghda tipproponi lill-Qorti, u din il-Qorti ma tista' bl-ebda mod taccetta din il-verzjoni, u dan ghaliex din tezisti biss fl-allegazzjoni tal-konvenuta, u ma hija sorretta bl-ebda prova; anzi l-provi prodotti, nkluz it-testment stess jidher li kien intiz sabiex jaghti effett lill-volonta` tat-testatrici, u fil-kuntest specifiku li t-testatrici thalli l-*plot* taghha (li kienet dejjem il-*plot* 50A) lill-attrici. Fuq kollox irid jigi hawn enfasizzat la darba l-konvenuta waslet sa hawn, li n-Nutar li rrediga t-testment ipprova u ammetta li

> dan sfortunatament mhux l-unika zball li sar, u minkejja dan kollu jidher car li kienet il-konvenuta biss li tat din il-verzjoni, u l-eredi l-ohra kollha waslu sabiex jifhmu d-disposizzjoni testamentarja kif kellha tkun u kif intiza mit-testatrici tant li dan wassal ghall-att korrettorju opportun mill-persuni kollha interresati, hlief mill-konvenuta.”

**L-Appell**

17. Ghalkemm il-konvenuta appellanti qed tispecifika seba’ aggravji li fuqhom qed tibbaza l-appell taghha, fil-fatt dawn jistghu jigu klassifikati fit-tnejn: [1] li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi; [2] li ma kienx hemm il-bazi fattwali u legali ghall-applikazzjoni tal-Artikolu 694[1] tal-Kodici Civili, izda, minflok kellu jigi iapplikat l-Artikolu 692 tal-istess Kodici.

18. L-aggravji kif imressqa mill-konvenuta huma dawn: [1] li fir-rigward tat-tezi attrici l-ewwel Qorti ma osservatx il-principju sancit fl-Artikolu 562 tal-Kap. 12 li min jallega fatt ghandu fuqu l-oneru tal-prova tal-fatt minnu allegat; [2] min-naha taghha l-konvenuta ressqet provi ta’ dak allegat minnha, u ssostni li fic-cirkostanzi d-dubju kellu jmur favur taghha; [3] li ghal kaz huwa applikabbli l-Artikolu 692 tal-Kap.16 u mhux l-Artikolu 694, fuq indikati; [4] li fic-cirkostanzi tal-kaz ma kellux jigi applikat l-imsemmi Artikolu 694; [5] li ma sar ebda zball fid-deskrizzjoni tal-oggett tal-legat de quo minn Nutar Anthony Abela li ppubblika t-testment in kwistjoni; [6] li ladarba saret id-dikjarazzjoni causa mortis da parti tal-eredi, inkluza l-attrici, allura dawn hadu pussess tal-wirt u ghalhekk ma jistghux jattakkaw it-testmenti; [7] li f’kull kaz il-konvenuta ma kellhiex tehel l-ispejjez kollha tal-kawza.

19. Min-naha taghha l-attrici irribattiet hekk ghal dawn l-aggravji: li manifestament dan hu kaz ta’ zball genwin da parti tat-testatrici meta ddeskriviet hazin l-oggett tal-prelegat li riedet thalli lill-attrici, bir-rizultat li minflok hallitilha proprjeta` taghha giet li hallitilha plot li kienet ta’ terzi, u ghalhekk hu applikabbli l-Artikolu 694; li interpretazzjoni *buona fede* tad-dispozizzjoni testamentarja in kwistjoni twassal ghall-konkluzjoni logika li kien sar zball fid-deskrizzjoni tal-oggett tal-legat, filwaqt li l-*mala fede* li l-konvenuta qed tatribwixxi lit-testatrici hija ferm improbabbli u twassal ghan-nullita` tal-legat, u inoltre din l-allegata *mala fede* ma gietx provata; li l-verosimiljanza tat-tezi li t-testatrici kienet ghamlet zball genwin tohrog ukoll mill-fatt li kollox jiddependi minn mankanza ta’ ittra wahda, u cioe` l-ittra A; li l-vendituri tat-testatrici kkonfermaw li huma bieghulha l-plot 50A, u ghalhekk hija din il-plot li akkwistat it-testatrici u mhux il-plot 50, tant hu hekk li huma, flimkien mal-beneficjarji kollha, hlief ghall-konvenuta, deheru fuq l-att korrettorju; li mill-beneficjarji u mill-eredi kollha hija l-konvenuta biss li qed tallega li d-deskrizzjoni hazina tal-oggett tal-prelegat kienet saret appozitament biex tinki lill-attrici; li dan il-kaz jidhol fil-parametri tal-ambigiwta’ u ghalhekk hemm il-htiega li tigi ezaminata wkoll x’kienet l-intenzjoni u l-volonta` tat-testatrici meta ghamlet id-dispozizzjoni de quo; li l-argument imnizzel mill-fatt li l-eredi ffirmaw l-att causa mortis ma jimmilitax kontra t-tezi tal-attrici, stante li fil-kaz odjern mhux qed jigi attakkat xi testment jew parti minnu, izda qed tigi klarifikata ambigwita` derivanti minn zball genwin da parti tat-testatrici; inoltre, tant

jirrizulta manifest li dan kien zball genwin li l-konvenuta ghandha tbati l-ispejjez kollha tal-proceduri fil-kaz odjern.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

20. Peress li l-aggravji kollha huma konnessi ma' xulxin dawn ser jigu trattati kollha flimkien.

21. Qabel xejn pero` in vista ta' dak sottomess mill-konvenuta huwa opportun li jigi ezaminat l-aspett tal-akkwist da parti tal-attrici tal-plot 50A minghand Salvu Cutajar u Louis Attard fis-sena 1989.

22. F'dan ir-rigward, il-konvenuta ssostni li, ladarba fil-pjanta annessa mal-kuntratt originali tas-sena 1987 mizmum fl-arkivji tan-Nutar tal-Gvern ma hemmx indikat specifikatament il-plot 50A, allura t-talba attrici ghall-korrezzjoni fil-kuntratt tal-akkwist taghha tas-sena 1989 ma tistax tintlaqa', u dan minkejja, li fil-pjanta annessa mal-kuntratt tas-sena 1987 li jinsab fl-arkivji tan-Nutar Paul Pullicino hemm pjanta li tindika l-plot 50A.

23. Din il-Qorti tosserva fir-rigward li, ghalkemm huwa minnu li fuq il-pjanta annessa mal-kuntratt originali fl-arkivju tan-Nutar tal-Gvern ma hemmx indikata l-plot 50A, izda jidher car li z-zewg pjanti huma l-istess, u jindikaw l-istess territorju, u kien biss bi zball tan-Nutar Pullicino, ammess minnu stess, li

mal-original annetta pjanta li ma tindikax specifikatament il-plot mibjugha lill-attrici bin-numru 50A.

24. Dan isib konfort fil-fatt provat li anke l-vendituri li bieghu l-plot lit-testatrici kkonfermaw li din kienet akkwistat minghandhom il-plot 50A u mhux il-plot 50, kif del resto jirrizulta kemm mill-kuntratt tal-akkwist [tas-sena 1989] fih innifsu, kif ukoll mill-pjanta annessa mal-kuntratt tas-sena 1987 fl-arkivji tal-imsemmi nutar.

25. Inoltre, l-fatt li t-testatrici kienet akkwistat il-plot 50A u mhux il-plot 50 huwa accettat ukoll mill-konvenuta, tant li fix-xhieda taghha in subizzjoni qalet *"Jien noqghod fuq il-kelma tieghu [Salvu Cutajar] ghax hu kien il-venditur …. Salvu [Cutajar] jafu bl-amment hemmhekk"[1].* Din il-parti tax-xhieda tal-konvenuta ssahhah il-prova li Salvu Cutajar, wiehed mill-vendituri, accetta u ddikjara fil-kuntratt korrettorju tas-sena 2003 li l-plot li hu u Louis Attard kienu bieghu lit-testatrici kienet il-plot 50A.

26. Stabbilit il-fatt li l-attrici fil-fatt kienet akkwistat il-plot 50A, issa din il-Qorti ser tghaddi sabiex tikkonsidra l-kumplament tal-aggravji li jirrigwardjaw il-prelegat imholli lill-attrici bit-testment tas-6 ta' Frar 1996.

27. Il-konvenuta ssostni li *"..ghir ghall-allegazzjoni taghha fid-dikjarazzjoni tal-kaz li ohtha hadet zball, l-attrici ma ressqet l-ebda prova in sostenn ta' dak*

[1] Fol.288.

*allegat [minnha]".* Ghalhekk, tkompli tghid il-konvenuta li hi ma kellha l-ebda obbligu li tressaq kwalunkwe prova.

28. Din il-Qorti tosserva fir-rigward li m'huwiex minnu li l-attrici ma ressqitx provi in sostenn ta' dak allegat minnha. Fil-fatt hemm tlett elementi ta' prova li jsostnu t-tezi taghha li t-testatrici kienet ghamlet zball genwin fid-deskrizzjoni tal-oggett tal-prelegat imholli lilha. Dawn huma: il-kontenut tad-dispozizzjoni testamentarja fil-kuntest shih taghha; il-fatt li l-vendituri tal-*avendi causa* tat-testatrici, iddikjaraw f'att korrettorju li dak li huma kienu bieghu lilha kienet il-plot numru 50A; u l-fatt li l-plot numru 50 kienet inbieghet lil terzi u ma kienet qatt ta' Rose Grima.

29. Id-dispozizzjoni testamentarja *de quo agitur* taqra hekk:

> "It-testatrici tiddikjara li <u>ghandha</u> erba' bicciet art fil-kontrada tas-Sellum, il-Mellieha.
> Hi thalli b'titolu ta' prelagat il-bicca art maghrufa bhala plot hamsin [50] in piena proprjeta` lil ohtha Mary Muscat.
> Hi thalli b'titolu ta' l-bicctejn art maghrufa bhala plots 'A' u 'B' lil ohtha Victoria Sturcke in piena proprjeta`.
> Hi thalli b'titolu ta' in piena proprjeta` l-bicca art maghrufa bhala plot 'C' lil ohtha Emanuela sive Lily Bonnici [il-konvenuta].
> L-istess artijiet jidhru mill-pjanti u site plans uniti <u>mal-att tal-akkwist</u> jew kif hemm citat."[2]

30. Minn din id-dispozizzjoni jirrizulta car li l-*voluntas testamenti*, u cioe` il-volonta` tat-testatrici kif espressa fit-testment, kienet dik li t-testatrici thalli lil erba' hutha indikati fl-istess dispozizzjoni l-erba' plots fil-kuntrada tas-Sellum li

[2] Sottolinear ta' din il-Qorti.

hi kienet akkwistat matul hajjitha.  Fost il-plots li t-testatrici kienet akkwistat hemm il-plot 50A li t-testatrici kienet akkwistata bil-kuntratt tas-sena 1989.  Di piu` il-plot numru 50 qatt ma kienet tal-attrici imma hi proprjeta` ta' terzi. Jinghad ukoll li fit-testment ma hemmx indikat li t-testatrici kienet qed thalli lill-attrici proprjeta` li ma kienitx taghha, u allura hija ferm verosimili u ferm probabbli li n-numru tal-plot formanti l-oggett tal-legat imholli lill-attrici kien gie indikat hazin bi zball.  Fi kliem iehor kien zball genwin da parti tat-testatrici.

31. Rigward l-izball fid-deskrizzjoni tal-legat, din il-Qorti tosserva wkoll li, il-fatt li hemm xhieda li jghidu li t-testatrici kienet tamministra l-affarijiet taghha hi, il-fatt li kellha diversi snin ta' esperjenza fin-negozju tal-artijiet, u l-fatt li kienet persuna preciza fil-gestjoni tal-affarijiet taghha, ma jimmilitax kontra t-tezi tal-attrici li t-testatrici kienet ghamlet zball fit-testment *de quo* meta halliet barra l-ittra 'A' fid-deskrizzjoni tal-oggett tal-legat imholli lilha, ghax kulhadd taht il-kappa tax-xemx huwa soggett ghall-izball.  Barra minn hekk, ghalkemm l-effetti legali tal-izball setghu kienu sostanzjali, l-izball *per se* huwa wiehed zghir.

32. Il-konvenuta min-naha taghha teskludi l-izball genwin da parti tal-attrici u ssostni li d-deskrizzjoni tal-legat kienet tnizzlet erroneament mit-testatrici apposta sabiex din tinki lill-istess attrici billi thallilha prelegat li fil-ligi huwa null. Din il-Qorti tosserva li din it-tezi, apparti li m'hijiex sostnuta b'ebda prova, hija

mhux biss ferm improbabbli u ferm inverosimili, imma hija wkoll bazata fuq kongettura.

33. Kif osservat u kkonkludiet l-ewwel Qorti, il-provi kollha jwasslu ghall-konkluzjoni logika li t-testatrici hadet zball genwin, u ghall-kazijiet bhal dawn il-legislatur haseb sabiex tigi salvata d-dispozizzjoni testamentarja billi ta l-fakolta` li jigi rrangat l-izball u b'hekk jinghata effett ghar-rieda tat-testatur kif espressa fit-testment. Dan ghamlu permezz tal-Artikolu 694 tal-Kodici Civili citat mill-ewwel Qorti.[3] Ghalhekk l-ewwel Qorti kellha ragun meta applikat dan l-artikolu ghac-cirkostanzi tal-kaz.

34. In tema legali, din il-Qorti, filwaqt li taghmel referenza ghal-kazistika estensiva citata mill-ewwel Qorti, tosserva li li fil-ligi Taljana hemm dispozittiv identiku ghall-imsemmi Artikolu 694. Dan huwa l-Artikolu 625 tal-Kodici Civil Taljan.

35. Rigward l-intenzjoni tat-testatur u r-*ratio* ta' dan l-artikolu l-awtur Taljan Albert Trabucchi jikkumenta hekk:

> "La volonta` deve esssere espressa. La dichiarazione assorbe la volonta` e vi deve corrispondere. Pero` con saggio criterio di opportunita`, il legislatore nell' art. 625 ha stabbilito che l'errore nell' indicazione dell' erede, del legatario, o della cosa che forma oggetto della disposizione [dichiarazione erronea, o putativa], anziche` essere causa di annullamento della disposizione stessa, come sarebbe regola per negozji tra vivi, venga corretto, e la volonta` abbia effetto purche` rizulti in modo non equivoco a quale persona o a quale cose il

[3] Supra.

testatore intendeva realmente riferirsi [*falza demostratio non nocet*][4]. Il *favor testamenti*, che si concreta nel valutare il negozio *potius ut valeat ut pereat,* e la considerazione fatta sopra, per cui il rimedio della nullita` in molti casi sarebbe per lo meno sterile perche` il testaore non puo riparare con un nuovo atto, spiegano l'opportunita` della norma."[5]

36. Dwar il-volonta` testamentarja l-istess attur jikkummenta hekk:

"Dobbiamo tenere ben presente che in ogni caso l'interprete e' chiamato a deterimanare unicamente la volonta` che e' stata espressa nel testamento; non sarebbe lecito costruire una volonta` testamentaria non scritta anche se vari elementi presuntivi ci dessero la convinzione che il testatore aveva una precisa intenzione circa quelle che dovevano essere le sui ultime volonta. Ripetiamo la formula: va ricercata la volonta` testamentaria, cioe` la volonta` espressa nel testamento, e non la volonta` del testatore, cioe` la volonta` che si ritenga corrispondere alle vera intenzione, anche non esprese, del testatore; *"non quod voluit testator, sed quod dixit in testamento, inspiciatur"* Cioe` non significa, tuttavia, che la volonta` rilevante debba essere desunta soltanto indagando sui termini letterali usati nel testamento…Gli elementi interpretativi possono essere ricercati anche *aliunde*, ma questo ricorso a elementi di prova estranei al testamento e' ammesso ragionevolmente soltanto per capire il contenuto di una volonta` espressa sia pure poco chiaramente"[6].

37. Ferm il-premess, din il-Qorti tirribadixxi li, bhala qorti ta' revizjoni, ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk din setghet ragjonevolment tasal ghad-decizjoni li waslet ghaliha, hlief f'kaz ta' zball manifest li bih parti jew ohra tkun ser issofri ingustizzja. Fil-kaz odjern mhux talli l-ewwel Qorti setghet ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, imma din il-Qorti kienet tkun ferm sorpriza li kieku waslet ghal konkluzjoni differenti. Mill-provi jirrizulta car li dan kien kaz ta' zball genwin f'dispozizzjoni testamentarja li bil-ligi jista' u ghandu jigi korreggut.

[4] Bhala zball li ma jgibx in-nullita' tat-testment jew tad-dispozizzjoni testamentarja dan l-awtur isemmi il-kaz fejn "Titio ha indicato come oggetto del legato il fondo Semproniano, mentre intendeva sporre del fondo Corneliano" – footnote [1] pg.466.

[5] *Istituzioni di Diritto Civili* [Cedam 2011] para.187 pga.466.

[6] Ibid. pagi.468 – 469.

38. Il-konvenuta ssostni li f'dan il-kaz kellu jigi applikat l-Artikolu 692 tal-Kodici Civili, li fil-parti relevanti tieghu jaqra hekk:

> "Ebda prova ma tista' ssir biex turi li istituzzjoni jew legat, maghmula favur ta' persuna jew korp morali jew ghal xi opra imsemmija fit-testment, humiex hlief fid-dehra ["fictitious" fit-test Ingliz], u fil-fatt dik l-istutzzjoni jew dak il-legat huma maghmula favur ta' persuna jew korp morali jew ghal xi opra mhux imsemmija fit-testment, lanqas jekk fit-testment ikun hemm xi kliem li juri jew li minnu wiehed jista' jifhem li l-volonta` tat-testatur kienet dik"[7].

39. Dan l-artikolu huwa manifestament inapplikabbli ghall-kaz odjern li jikkoncerna deskrizzjoni erronea ta' art oggett ta' imholli lill-attrici li hija indikata fit-testment, mentri l-artikolu precitat jikkontempla sitwazzjoni differenti.

40. Aggravju iehor tal-konvenuta hu marbut mal-fatt li saret il-*causa mortis*. Tghid li, ladarba sar l-att[8] tad-dikjarazzjoni *causa mortis*, l-eredi hadu pussess tal-wirt u ghalhekk ma jistghux jattakkaw it-testment. Fir-rigward din il-Qorti taghmel tliet konsiderazzjonijiet li jirrendu dan l-aggravju insostenibbli kemm fattwalment kif ukoll legalment. Fl-ewwel lok, il-kuntratt tal-*casua mortis* ma giex iffirmat mill-beneficjarji ta' Rose Grima imma gie ffirmat u deheret fuqu l-istess ezekutrici testamentarja nominata mit-testatrici ghal dan l-iskop. Fit-tieni lok, l-oggett tal-prelegat imholli lill-attrici bid-dispozizzjoni testamentarja fuq citata, gie korrettement deskirtt bhala plot 50A [tenut kont li fil-kuntratt tal-akkwist tas-sena 1989 maghmul mit-testatrici dan gie hekk indikat.]. Fit-tielet

[7] Art.692 [1] – sottolinear ta' din il-Qorti.
[8] Foll.223 sa 225.

lok, bil-proceduri odjerni l-attrici mhux qed tattakka l-validita` tat-testment jew ta’ parti minnu izda qed titlob korrezzjoni fid-deskrizzjoni tal-oggett ta’ legat imholli lilha mit-testatrici, liema korrezzjoni hija manifestament mehtiega.

41. Rigward l-aggravju dwar l-ispejjez, din il-Qorti tosserva li, tenut kont li dan l-appell jirrizulta manifestament infondat, mhux talli l-konvenuta ghandha thallas l-ispejjez kollha tal-proceduri, imma huwa l-kaz li jigi applikat fil-konfront taghha d-dispost tal-Artikolu 223 [4] tal-Kap. 12, stante li l-appell huwa wiehed frivolu u vessatorju fit-termini tal-istess artikolu.

42. Ghaldaqstant l-aggravji kollha huma infondata u ser jigu michuda.

**<u>Decide</u>**

Ghar-ragunijiet premessi tichad l-appell, u tikkonferma s-sentenza appellata, b’dan pero` li l-att korrettorju ghandu jigi ppubblikat mhux min-Nutar Paul Pullicino, li miet fil-mori tal-proceduri, izda min-Nutar Sylvana Borg Caruana, li ghandha tippubblika l-att relattiv fi zmien xahrejn mid-data ta’ din is-sentenza, fid-data, hin u lok li jigu fissati mill-istess nutar.

L-ispejjez kollha ghandhom jithallsu mill-konvenuta u peress li l-Qorti tqis li dan l-appell kien wiehed frivolu u vessatorju tordna lill-konvenuta appellanti

thallas spejjez addizzjonali lir-Registratur tal-Qrati fis-somma ta' sitt mitt euro (€600) taht il-paragrafu 10 tat-tariffa A mehmuza mal-Kap. 12.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------